# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 677/2014 SM**

**Vanilla Telecoms Ltd.**
**(C – 34939)**

**vs.**

**Ozone Ltd.**
**(C – 18334)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-istess socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' tmintax- il elf, mitejn u sitta u sebghin euro u sitta u disghin centezmu, (€18,276.96);

1.2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu dovut ghal diversi servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata fuq perjodu ta' zmien li spicca f'Mejju, 2009, biex tigi lilha provduta l-provizjon tal-*internet* u apparat iehor mehtieg;

1.3. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont fuq indikat, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €18,276.96;

1.4.2. Bl-ispejjez u bl-imghax kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-ammont mitlub mhux dovut;

2.2. Illi fid-9 ta' Gunju, 2009, halest lis-socjeta` rikorrenti ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha vantati mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront taghha;

2.3. Illi s-socjeta` rikorrenti accettat il-hlas hekk maghmul u allura ma tistax titlob hlas ulterjuri billi l-ebda bilanc m'hu dovut;

3. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura odjerna bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 148);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-22 ta' Lulju, 2016, (ara foll 149), flimkien man-nota ta'

sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata s-26 ta' Settembru, 2016, (ara foll 161);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

7. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat it-12 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu informa lill-qorti li kien qieghed jistrieh fuq il-provi prodotti, (ara foll 166);

Ikkunsidrat:

8. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi s-socjeta` intimata kienet inkarigat lis-socjeta` rikorrenti biex tipprovdilha servizzi professjonali fil-*computers*, *internet*, u telefonija, (ara foll 28);

8.2. Illi s-servizzi provduti mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata kienu tnejn: (ara foll 29)

8.2.1. Servizz minnhom kien jikkonsisti f' *"high capacity link"* komunement maghruf bhala *"backhaul"* li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti kienet tghaqqad in-*network* taghha ma dik tas-socjeta` intimata;

8.2.2. Servizz iehor kien jirrigwarda servizz iehor individwali;

8.3. Illi meta intemm l-inkarigu tas-socjeta` rikorrenti din harget kont ta' €18,276.96 lis-socjeta` intimata, (ara foll 5 *et sequitur*);

8.4. Illi s-socjeta` rikorrenti intavolat il-procedura odjerna proprju biex tirrikjama dan l-ammont minnha pretiz mis-socjeta` intimata;

8.5. Illi daparti taghha s-socjeta` intimata ssosstni s-segwenti:

8.5.1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut;

8.5.2. Illi effettivament gia` hallset lis-socjeta` intimata ghas-saldu tas-servizzi kollha lilha rezi;

Ikkunsidrat:

9. Illi in effetti jirrizulta debitament assodat li s-socjeta` rikorrenti pprestat l-imsemmija servizzi lis-socjeta` intimata;

10. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li l-istess socjeta` rikorrenti ghandha debitament tithallas ghax-xoghol u ghas-servizzi minnha pprestati lis-socjeta` intimata;

11. Illi nonostante s-suespost, fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` intimata, jinhtieg li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

A. **L-ewwel eccezzjoni: li l-ammont mitlub mhux dovut:**

12.0. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata ssosstni sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi s-servizz provdut mis-socjeta` rikorrenti ma kienx tal-livell mehtieg, (ara foll 67);

12.2. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` intimata ma setghetx taqdi lill-klijenti taghha, (ara foll 67);

12.3. Illi meta kien ikun hemm hsarat fin-*network* il-klijenti tas-socjeta` intimata ma kienx ikollhom servizz ta' telefonija jew *internet*, jew tat-tnejn, (ara foll 67);

12.4. Illi spiss kien jigri li ma kienx ikun hemm impjegati tas-socjeta` rikorrenti biex jirripristina in-*network*, (ara foll 67);

13. Illi pero` ghandu jinghad li nonostante tali allegazzjonijiet, is-socjeta` intimata naqset li iggib provi fir-rigward;

14. Illi jigi sottolineat f'dan ir-rigward li jinkombi fuq dak li jallega li jgib il-prova;

15. Illi *stante* lis-socjeta` intimata naqset f'dan ir-rigward, l-allegazzjonijiet minnha vantati qed jigu skartati;

16. Illi minkejja tali ilment, l-istess socjeta` intimata jirrizulta li bdiet tikkopja n-*network* tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 114);

17. Illi ghalhekk minn dan jirrizulta li l-inferenza logika fir-rigward twassal ghal konkluzjoni li la s-socjeta` intimata ghazlet li tikkopja s-sistema lilha provduta mis-socjeta` rikorrenti, allura din is-sistema kienet effettivament tajba bizzejjed li anke tigi replikata u mhux kif precedentement allegat mill-istess socjeta` intimata – altrimenti kienet tigi skartata u mhux emulata, (ara foll 114);

18. Illi konsegwenza tal-imsemmi agir tas-socjeta` intimata s-socjeta` rikorrenti sosstniet li din kissret il-ftehim verbali li kellhom il-partijiet u li ghalhekk kienet issa saret kompetitur dirett tas-socjeta` rikorrenti;

19. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti informat lis-socjeta` intimata li kienet ser tvarja r-rati tas-servizz lilha offrut;

20. Illi effettivament permezz *t'email* datata d-9 ta' Marzu, 2009, is-socjeta` rikorrenti unilateralment varjat il-prezzijiet precedentement miftehma, fejn minn kera ta' €10.00 gholiet ghal €150.00, (ara foll 70);

21. Illi tali varjazzjoni unilaterali mhix permissibbli anke jekk is-socjeta` intimata baqghet tuza s-servizzi tas-socjeta` rikorrenti wara li rceviet l-informazzjoni rigwardanti l-varjazzjoni unilaterali tal-kera *de quo*;

22. Illi kif jispjega r-rapprezentant tas-socjeta` intimata fid-deposizzjoni tieghu, jirrizulta li r-rata mitluba fil-fattura numru 102042 datata t-30 ta' Marzu, 2009, (ara foll 58), hi bbazata fuq

ir-rata kif unilateralment varjata mis-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement , dan l-ammont, (€3,000.00), ghandu jigi mnaqqas mit-talba tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tal-kiri tal-apparat involut jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi dan hu regolat bi ftehim milhuq bejn il-partijjiet kif elenkat f'ittra datata t-13 ta' Novembru, 2008, (ara foll 45);

23.2. Illi effettivament hemm espressament stipulat li l-apparat li ma jkunx ritornat fid-data hemm stipulata dan jigi awtomatikament mikri lis-socjeta` intimata ghab-bazi ta' rati mensili, (ara foll 45);

23.3. Illi ghaldaqstant il-kera tal-apparat involut xorta ghandha tithallas fl-interezza taghha u l-ebda ammont pro rata m'ghandu jitnaqqas mill-istess ammont ta' kera pattwita ghal xhar shih;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi f'dan tal-apparat li kien gia ritornat mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

24.1. Illi fir-rigward tal-fattura numru 101977 datata il-31 ta' Jannar, 2009, (ara foll 52), is-socjeta` intimata ssosstni li kienet mitluba thallas renta ghal sittin (60) abbonat mentri li d-dokumenti taghha juru li kellha biss tletin, (30), u kienet ikkontestat din l-allegazzjoni immedjatament, (ara foll 76);

24.2. Illi fir-rigward is-socjeta` rikorrenti tonqos milli taghti spjegazzjoni kjarifikatorja dwar dan l-ammont minnha mitlub;

24.3. Illi ghalhekk din l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma tirrizultax li kienet debitament ipprovata u

konsegwentement, l-ammont involut ghandu jigi imnaqqas mis-somma mitluba;

24.4. Illi skont il-*credit note* fir-rigward, (ara foll 80), jirrizulta li l-ammont hawn involut jammonta ghal €872.46, liema ammont ghandu allura jitnaqqas mill-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi rigward is-servizz tal-*"backhaul"* involut, jinghad sintetikament is-segwenti:

25.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob pagament ghall-istess sal-perjodu li jaghlaq f'Lulju, 2009, (ara foll 34);

25.2. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li kienet irritornat l-apparat f'April, 2009, (ara foll 69);

25.3. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-partijiet kienu qabblu li l-*"backhaul pricing is subject to a two year contract"*, (ara foll 34);

25.4. Illi ghalhekk, anke jekk l-apparat kien irritornat qabel, l-ammont hawn rikjamat mis-socjeta` rikorrenti ghal *"backhaul"* jibqa' dovut;

Ikkunsidrat:

B. **It-tieni eccezzjoni: pagament ghas-saldu:**

26. Illi fid-9 ta' Gunju, 2009, is-socjeta` intimata halset lis-socjeta` rikorrenti ghas-saldu ta' kull pretensjoni li din is-socjeta` seta' kellha fil-konfront taghha, (ara foll 35);

27. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li accettat l-istess pagament wara li l-avukat taghha informa lis-socjeta` Sky Limited li "... c-*cheque* kien qed jigi accettat biss bhala *part payment*", u mhux ghas-saldu, (ara foll 31 u 36);

Ikkunsidrat:

28. Illi kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Johann Schembri pro et noe vs. Charlot Mifsud pro et noe et*** datata z-***19 t'Ottubru, 2005***:

> "B'danakollu lanqas ma ghandu jigi pretiz illi l-kreditur ghall-fatt li accetta l-hlas li sarlu, gie li rrinunzja ghal kull bilanc lilu dovut. Huwa veru li in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, *cheque* lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" jigi li hu rcieva pagament f'dawk l-istess termini precizi. Dan jibqa' hekk pero` sakemm ma jigi muri illi min ircevih ipprotesta dwar hlas ghal dan fil-mument opportun";

29. Illi kif sottolineat aktar qabel, (ara paragrafu numru sebgha u ghoxrin, (27.)), jirrizulta debitament assodat li meta s-socjeta` rikorrenti sarrfet ic-*cheque* in dizamina hi ma kienitx qed tirrinunzja ghal bilanc minnha rikjamat, (ara foll 36), minkejja li l-kliem in *"full and final settlement"* miktub fl-istess *cheque*;

30. Illi ghalhekk l-ammont hekk imhallas mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti jirrizulta li kien biss pagament in akkont tal-ammont globali pretiz mill-istess socjeta` rikorrenti;

31. Illi bil-protesta taghha kif indikata fl-ittra datata l-15 ta' Gunju, 2009, (ara foll 36), is-socjeta` rikorrenti uriet il-volonta` taghha li ma kienitx qed taccetta c-*cheque* fit-termini fuqu miktuba izda minflok, kienet qed taccetta l-istess pagament in akkont tal-ammont dovut;

32. Illi tiehu wkoll l-opportunita` tissottolinea li hadet konjizzjoni tal-gurisprudenza indikata mis-socjeta` intimata fin-nota t'osservazzjonijiet minnha pprezentata, (ara foll 164), u ghad-diskrepanza kurjali hemm indikata;

33. Illi tissottolinea pero` li qed tadotta l-linja l-aktar ricenti mehuda minn dawn il-qrati fir-rigward u konsegwentement tiddikjara li t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata ghandha ghalhekk tigi respinta;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha fil-generalita` tieghu ghalkemm mhux interament, u konsegwentement:

34.1. Tirrespingi t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata;

34.2. Takkolji parzjalment l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata flimkien mat-talba tas-socjeta` rikorrenti – ukoll parzjalment;

34.3. Filwaqt li tiddikjara li in vista tas-suespost ghandu jitnaqqas l-ammont ta' tlett elef, tmin mija u tnejn u sebghin euro u sitt centezmi, (€3,872.06), tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' erbghatax- il elf, erba' mija u erba' euro u sitta u tletin centezmu, (€14,404.36);

34.4. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas dan l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

34.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta` intimata, u dan, mid-data tal-prezentata tal-procedura odjerna, senjatament it-18 ta' Lulju, 2014.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**